

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6485 – Euler Hermes/Mapfre/Mapfre CC)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 255/10)

1. Fis-16 ta' Awwissu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾, li permezz tagħha l-impriża Euler Hermes SA (Franza) u Mapfre, SA jgħolqu Impriża Konġunta (l-IK), fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Euler Hermes, SA: grupp internazzjonali Franċiż attiv l-aktar fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prdotti ta' assukurazzjoni tal-kreditu,
- għal Mapfre, SA: grupp internazzjonali Spanjol attiv fl-assikurazzjoni u r-riassikurazzjoni,
- Għall-IK: Se tgħaqqad in-negozju ta' assikurazzjoni "delcredere" ta' Euler Hermes, SA u ta' Mapfre, SA fl-Arġentina, iċ-Ċili, il-Kolumbja, il-Messiku u Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6485 – Euler Hermes/Mapfre/Mapfre CC, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").